MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1654/1999/1

**Jacqueline Agius**

**vs**

**Ivan Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ghaddew ghac-ceremonja taz-zwieg fis-16 ta' Dicembru, 1989 kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok. “A”;

Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-partijiet ma kellhomx ddiskrezzjoni mehtiega ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u l-obbligi, essenzjali tal-hajja mizzewga, kif ukoll ghaliex kien hemm anomalija psikologika serja li

taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens moghti mill-kontendenti ghaz-zwieg kien ivvizzjat;

Illi l-attrici talbet li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Dicembru, 1989 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tat-8 ta’ Marzu 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa ma ghandu x’jaqsam xejn mar-ragunijiet mressqa ghall-annullament mill-attrici.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta’ xhieda a fol 12 u 13 tal-process;

Rat il-verbali tal-5 ta’ April 2000; tat-30 ta’ Mejju 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr Edwina Grima bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tal-11 t’Ottubru 2000; tal-20 ta’ Novembru 2000; tat-2 ta’ Mejju 2001; tat-13 ta’ Novembru 2001 u tat-23 ta’ Jannar 2002.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Perit Legali Dr Edwina Grima u d-dokumenti hemm esebiti (fol 23 sa 91 tal-process).

Rat il-verbali tat-12 t'April 2002, tat-3 t'Ottubru 2002 fejn Dr Edwina Grima halfet ir-rapport u Dr Graziella Bezzina ghall-konvenut irrimettiet ruhha ghall-istess. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Dicembru 2002.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** pprezentat x-xhieda taghha permezz ta' affidavit immarkat bhala Dokument "JA 1". Hija tixhed u tghid illi zzewwget lill-konvenut fis-16 ta' Dicembru 1989 u dana wara hames snin ta' eghrusija. F'dan il-perijodu hija tghid illi huma kellhom relazzjoni normali u qatt ma rravvizat xi anomalija psikologika fih jew xi difetti ta' xort'ohra. Tghid illi huma kienu jmorru jaraw lill-genituri ta' xulxin ta' spiss u ma kien hemm l-ebda problema fir-relazzjonijiet taghhom mal-familji rispettivi ta' xulxin.

Illi qabel iz-zwieg huma kien jitkellmu fis-sens illi riedu jiffurmaw familja flimkien u kien jidher illi fuq dan il-punt kien hemm qbil bejniethom. Tghid illi huma kienu ppjanaw illi jkollhom it-tfal madwar sentejn jew tlieta wara z-zwieg. Wara iz-zwieg imbaghad l-attrici tghid illi l-karattru u l-attitudni tal-konvenut ma nbiddlux. Huwa kien minn dejjem xi ftit jew wisq immatur fis-sens illi l-affarijiet serji ma kienx jaghtihom l-attenzjoni u s-serjeta li kienu jinhtiegu. Kien jiehu l-affarijiet b'mod legger. Taghti ezempju billi tghid illi fil-perijodu illi hija ilha tafu u cioe' f'sittax-il sena huwa biddel l-impieg madwar seba' darbiet. Huwa ma kienx izomm impieg ghal aktar minn sentejn jew tlieta. Qabel

ma kienu ltaqghu tghid illi huwa kien jahdem mal-SGS Thompson u wara li sar jafha hadem mal-Konica, Paglieri, Muscat General Stores, Drugstore, Michele Peresso Limited, Technoline u Alphamed Limited. Ma' l-Alphamed huwa kien beda jahdem ftit wara li kienu sseparaw fl-1998 u sa fejn taf hi huwa ghadu jahdem hemmhekk. Tghid illi l-konvenut kien isib diffikulta biex izomm relazzjonijiet stabbli mal-*management* u meta kien jiddejjaq kien jaqbad u jitlaq. Naturalment dan kellu effett fuq il-hajja matrimonjali taghhom minhabba it-taqlib kontinwu w is-sens ta' nuqqas ta' sigurta'.

Illi fil-bidu, l-attrici tghid illi kienet tahdem ma' Carlo Gavazzi Electromatic Limited u wara mad-Dold Industrial Automation Limited fejn ghadha tahdem. Hija tghid illi dan kien pozittiv ghaliha minhabba t-taqlib kontinwu li kien igib it-tibdil kontinwu tal-konvenut fil-*jobs* tieghu.

Illi tghid ukoll illi mal-hbieb il-konvenut kien jiftah lilu innifsu aktar u kien jitkellem apertament b'mod negattiv dwar iz-zwieg. Dan kien jghamlu anke fil-presenza taghha. Kien ighid ma' shabu illi lanqas johlom lli jiehu gurnata *off* mix-xoghol biex iqattaghha mal-familja. U fil-fatt hekk kien jigri ghaliex difficilment kien jiehu xi gurnata *leave* biex iqattaghha mal-attrici.

Illi l-attrici tkompli tghid illi hija kienet taht l-impressjoni illi l-konvenut ried tfal miz-zwieg. Huma ddecidew li ikollhom it-tfal madwar tlett snin wara iz-zwieg. Kienu tkellmu u hadu id-decizjoni flimkien. Wara xi sitt xhur huma bdew jirrealizzaw illi kien hemm xi problema. Ghalhekk kienu marru ghand Dr. Josie Muscat fejn kienu sarulhom xi ezamijiet. Minn dawn l-ezamijiet huma kienu skoprew illi l-konvenut kien qieghed ibati minn sterilita' u li ghalhekk kien hemm cans zghir illi seta' ikollu it-tfal.

Illi tkompli tghid illi r-reazzjoni tal-konvenut kienet wahda ta' indifferenza. Ghalkemm l-attrici kienet iddizappuntata dwar ir-rizultati, tghid illi l-konvenut ma weriex preokkupazzjoni w id-dispjacir li wiehed jistenna f'tali cirkostanzi. Huwa rreagixxa b'certu semplicita' u stqarr illi ma kien hemm xejn x'wiehed seta' jaghmel biex jirrimedja.

Fil-fatt id-diskussjoni dwar it-tfal ma regghetx tqajjmet u l-konvenut baqa' ghaddej bil-hajja tieghu normali. L-ahbar ma dehritx li fixklitu jew affettwatlu l-imgieba tieghu fi hwejjeg ohrajn. Ghalkemm l-attrici qatt ma qaltlu xejn, izda hija issorprendiet ruhha bir-reazzjoni tieghu.

Illi l-attrici mal-moghdija taz-zmien ma rrassenjatx ruhha li jkollha t-tfal u wara xi sentejn hija tkellmet mal-konvenut l-ewwel darba dwar il-possibilita li jaddottaw tarbija. Ir-reazzjoni tal-konvenut kienet wahda ta' indifferenza. Tghid illi hija hasset li kien hemm xi haga mohbija fil-konvenut. Hadet l-impressjoni illi huwa ma kienx cert ghaliex ma hijiex decizjoni facli biex tadotta. Hija tghid illi l-konvenut dam jahsibha qabel accetta. Tghid illi l-konvenut accetta wara insistenza maghmula minn naha taghha u mhux ghaliex ha id-decizjoni minn jeddu.

Illi ghalhekk hadu decizjoni li imorru jiehdu parir minn ghand id-Dipartiment tal-Harsien Socjali. Qalulhom illi ma setghux jadottaw mal-ewwel u li biex jadottaw kellhom ikunu mill-inqas ta' l-eta ta' 30 sena u huma kellhom 29. Madankollu wara illi kkwalifikaw mill-lat ta' eta' huma bdew ifittxu biex jaddottaw tifel mir-Rumanija. Tghid illi hi u l-konvenut kellhom jiltaqghu ma' hafna nies sabiex jaddottaw tarbija. L-adozzjoni ma kienitx xi haga facli, izda l-konvenut kien ighid lill-attrici biex tmur tirranga il-proceduri hija ghall-adozzjoni. Huwa ma kienx juri interess personali u hegga biex il-proceduri jithaffew. Kien hemm proceduri twal min-naha tad-Dipartiment ghal Harsien Socjali u kien hemm il-bzonn li jiltaqghu minn zmien ghall-iehor ma' rapprezentanti tad-Dipartiment. Il-bicca il-kbira mill-laqghat kienet tattendi ghalihom l-attrici wahedha ghaliex il-konvenut kien igib hafna skuzi li ma setax minhabba ix-xoghol.

Illi l-konvenut tela' maghha ir-Rumanija fejn huma raw tlett itfal b'kollox. Kien hemm problema fir-rigward ta' l-ewwel tnejn u ma setatx issir l-adozzjoni taghhom. L-attrici tghid illi hija kienet devastata. Min-naha tieghu l-konvenut baqa' indifferenti u ma ghamilx plejtu. Fl-ahhar ma kienx hemm problemi rigward it-tielet tifel li inzerta kien Ryan u meta

gew iffinalizzati l-proceduri, huma gabu lil Ryan Malta u dana meta kellu sena u erba xhur.

Illi l-attrici tghid illi waqt il-process ghall-adozzjoni il-konvenut beda jsir nervuz, irritabbli w addirritura arroganti. Kien beda jahtafha, ikellimha mill-inqas u jitfa ir-responsabbilita tal-pis ta’ l-adozzjoni kollha fuqha. Ghalhekk bdiet tifhem illi l-konvenut kien accetta li huma jaddottaw tarbija ghaliex hekk riedet hi. Kienet ghalhekk ippreokkupata mhux biss bil-hsieb illi l-konvenut ma riedx jaddotta tarbija, izda li addirittura huwa ma riedx tfal. Bdiet tithasseb illi l-konvenut fil-fatt qatt ma ried tfal u beda jigi wicc’imb wicc ma’ din ir-realta meta beda joqrob iz-zmien illi jsir missier permezz ta’ l-adozzjoni. Hija tghid illi meta darba minnhom hija ikkonfrontatu u staqsietu jekk riedx jibqa’ ghaddej bl-adozzjoni, huwa wiegeb fl-affermattiv ghalkemm minghajr entuzjazmu.

Illi aktar ma beda jghaddi z-zmien, l-attrici tghid illi l-konvenut beda isir iktar irrittabbli. Huwa ma bediex jahdem biex jibni rapport mat-tifel Ryan u ghalkemm kif gew lura Malta bit-tifel, l-attrici kienet talbet lill-konvenut biex jiehu ftit granet *leave* biex iqattaghhom mal-familja, huwa ma riedx jaghmel dan u dana mhux ghaliex ma setax izda ghaliex huwa ma riedx jaghmel dan. Kien jidher car illi l-konvenut ried jiddistakka ruhu mill-fatt illi kien missier.

Illi tghid li meta l-konvenut kien jigi lura mix-xoghol huwa ma kienx juri interess fit-tifel, ma kienx premuruz u ma kienx juri entuzjazmu fil-konfront tieghu. Kien jidhol, isellmilha ikellimha fuq ix-xoghol u jmur jara it-televizjoni. Anke meta it-tifel kien juri li ried jorqod, l-attrici tghid li l-konvenut qatt ma wera interess biex jiehdu jorqod fis-sodda tieghu. Kien jibqa’ f’postu u ma jaghtix kaz. Anke meta matul il-lejl it-tifel kien iqum jibki huwa ma kienx jaghti kasu.

Illi l-attrici tghid illi madwar tlett (3) xhur wara l-adozzjoni kien jdiher car li l-konvenut ma’ riedx ikollu rapport ma’ ibnu. Kien hemm distakk totali. L-attrici tghid illi hija kienet tipprotesta mal-konvenut dwar l-imgieba tieghu, ghaliex

kienet thoss illi it-tifel kien qiesu qieghed jitrabba minn *single parent*. Bdiet tqum it-tensjoni bejniethom. Il-konvenut kien jinnega li ma juriex interess fit-tifel u kien iwahhal dejjem fix-xoghol u li peress illi kien ikun ghajjien mix-xoghol mhux dejjem kien ikollu aptit joqghod jilghab mat-tifel u jiehu hsiebu. Tghid illi din ir-relazzjoni fqira li kien hemm bejniethom bdiet tirrifletti hazin fuq iz-zwieg taghhom. Iktar ma hija kienet tingibed lejn it-tifel, zewgha kien jitbieghed minnha u tghid illi il-konvenut kien iddistakka ruhu mhux biss mit-tifel izda minnha ukoll. Wara l-adozzjoni tghid illi l-konvenut beda jixrob u jpejjep eccessivament, idum barra ghax-xoghol u anke minn jeddu jidhol xoghol is-Sibt. Dana kien jaghmlu biex jahrab mid-dar. F’temp ta’ ftit xhur l-attrici tghid illi ir-relazzjoni ta’ bejniethom saret wahda platonika.

Illi l-attrici tghid illi ghalkemm l-konvenut kien jichad illi huwa kellu problema biex izomm relazzjoni mat-tifel, izda l-atteggament tieghu wassal biex kisser iz-zwieg taghhom. Tghid illi l-inkwiet kienu jzommuh kemm jista’ ikun bejniethom biex ma jinkwetawx lill-familjari taghhom u lanqas mal-hbieb ma kienu jitkellmu biex ma jaghtu sodisfazzjoni lil hadd dwar dak li kien qieghed jigri bejniethom. Anke quddiem in-nies il-konvenut kien ikun distakkat minn mat-tifel u lanqas kien jimxi maghhom izda kien jimxi ‘il quddiem. Hija kienet tinkwieta illi hbiebhom kienu ser jindunaw b’xi haga.

Illi l-attrici tghid illi hija u l-konvenut iggieldu meta f’okkazzjoni fejn kienu mistednin tieg, quddiem hbiebhom il-konvenut beda jghid li ghalih l-ewwel jigi ix-xoghol, imbaghad il-familja. L-attrici hadet ghaliha u tghid illi meta wara it-tieg hija ikkonfrontatu fil-karozza huma u sejrin id-dar, l-konvenut irrabja u irredikola ir-relazzjoni matrimonjali taghhom billi stqarr illi huma ma kellhomx zwieg bejniethom u kien qieghed jahseb biex jissepara. Meta l-attrici irrimarkatlu illi huma kellhom tifel, l-konvenut wiegeb illi huwa qatt ma ried lil Ryan u kien lest jiedhu lura ir-Rumanija. Huwa kompla jistqarr illi qatt ma ried tfal u li kien biss meta saret l-adozzjoni illi skopra li kellu din il-problema. Qalilha illi kien anke sorpriz bir-reazzjoni tieghu meta skopra li ma setax ikollu tfal ghaliex ma kienx hadha

bil-kbira, anzi kwazi kien hass sens ta’ soljev. Kompla jghidilha meta waslu d-dar li kien ghamel zball li pproceda bl-adozzjoni anke jekk din gabitu f’sensieh. Huwa stqarr illi ried jissepara ghaliex ma setax ighix din it-tip ta’ hajja. Huwa baqa’ jinsisti ma’ l-attrici illi bit-tifel huwa ma setax ikompli biz-zwieg taghhom u ried jissepara malajr. L-attrici tghid illi peress illi r-relazzjoni ta’ bejniethom kienet ikkrollat kompletament, ma kellhiex triq ohra hlief li tissepara. Tghid illi ppruvat issalva iz-zwieg taghha sa’ l-ahhar u anke kienet issuggeriet lill-konvenut biex imorru ghand *counselor*, izda huwa baqa’ jirrifjuta.

Illi l-attrici tghid li wara sitt xhur mill-adozzjoni tat-tifel, il-konvenut telaq mid-dar u baqghu separati *de facto* ghal madwar sena. F’din is-sena l-konvenut beda jipprova jaghmel kuntatt iktar mat-tifel, izda biz-zmien dan il-kuntatt intilef sakemm spicca kompletament. Fil-25 ta’ Settembru 1998, huma sseparaw bonarjament. Tghid illi hija kienet sorpriza meta l-konvenut zamm id-dritt li jara lit-tifel b’mod liberu. Izda ghalkemm kien jara lil Ryan regolarment ghall-ewwel ftit xhur, il-viziti bdew jaqtghu ftit ftit sakemm spiccaw kompletament. Tghid illi finalment fuq xewqa tal-konvenut kien gie emendat il-kuntratt ta’ separazzjoni fis-sens illi huwa ma baqax obbligat imantni lil ibnu u rrinunzja ghad-drittjiet tieghu ghall-access. Minn dak iz-zmien, il-konvenut qatt ma ra lil Ryan.

Illi l-attrici tkompli tghid illi madwar sena wara s-separazzjoni hija kienet iltqaghet ma’ habib komuni taghha  u ta’ zewgha, certu Joseph Caruana, gewwa M’Xlokk. Kienet il-gurnata tal-Hadd u hija kienet sejra sas-suq bit-tifel.  Tghid illi hija flimkien ma’ Joe Caruana w is-siehba tieghu kienu hadu te’ f’wiehed mill-kafe’s tal-post. F’din l-okkazzjoni dan Joe kien qalilha illi fiz-zmien illi hija u l-konvenut kienu ser jibdew il-proceduri ghall-adozzjoni l-konvenut kien qallu illi huwa kellu avversjoni ghat-tfal u li ma setax jimmagina lilu innifsu missier. Qallu li huwa ma kienx qal lil mara tieghu u kien ser jibqa’ ghaddej bl-addozzjoni minhabba fiha.

Illi kien minhabba f’dan id-diskors illi l-attrici tghid illi hija ghamlet il-kuragg biex tibda bil-kawza ghall-annullament

taz-zwieg taghha mal-konvenut. Tghid illi l-konvenut ammetta maghha qabel isseparaw illi huwa qatt ma ried ikollu t-tfal.

Illi fil-kontro-ezami l-attrici tghid illi l-eghrusija damet madwar hames (5) snin u f'dan il-perijodu huma wrew ix-xewqa li jkollhom it-tfal. Tghid illi hbiebhom kienu qed jizzewwgu u jippjanaw ghaz-zwieg u huma mxew mal-kurrent. Tghid illi l-konvenut kien jaghmel xogholu sew, izda l-fatt illi huwa kien ibiddel l-impieg ta' spiss kien idejjaqha u dana peress illi dan kien juri nuqqas ta' stabbilita. Hija tghid illi hija persuna lejali lejn ix-xoghol taghha u l-konvenut ma kienx l-istess. Tghid li normalment il-konvenut kien dejjem isib xoghol iehor qabel ma jitlaq l-impieg tieghu. Mal-hbieb hija kienet tara lill-konvenut igib ruhu b'mod differenti minn kif kien igib ruhu maghha. Tghid illi ghalih ix-xoghol kien jigi l-ewwel u qabel kollox u kien ighid ma' hbiebu illi ix-xoghol kien jigi qabel iz-zwieg. Fil-fatt hekk baqa' wara iz-zwieg ghalkemm tghid illi bhala koppja huma ma kellhomx problemi u kienu jiddiskutu kollox. Tkompli tghid li id-decizjoni biex jippruvaw ghat-tfal kienet taghhom it-tnejn ghalkemm hija kienet iktar akkanita minnu. Ghalhekk tghid illi huwa qatt ma qalilha li ma riedx ikollu tfal. L-attrici tghid illi Dr. Josie Muscat kien qalilhom li c-cansijiet illi huma jkollhom it-tfal kienu remoti hafna u li l-konvenut kien anke issottopona ruhu minn jeddu ghal xi terapija ghal problema ta' l-infertilita'. Meta din it-terapija falliet, l-attrici tghid illi huma rrassenjaw rwiehom illi ma setax ikollhom tfal. Tghid illi min-naha tal-konvenut qatt ma qajjem id-diskors dwar tfal u terga' tixhed li kienet hi li ssuggeriet l-adozzjoni u ghalkemm kien accetta pero' ma kienx jidher entuzjast. Kien minn meta nbdew il-proceduri ghall-adozzjoni illi l-attitudni tieghu lejha inbidlet. Tghid illi hija spiccat taghmel hafna affarijiet wahedha ghaliex il-konvenut ma weriex interess lejn it-tifel. Is-sitwazzjoni baqghet l-istess ghaliex ma hemm l-ebda kuntatt bejn it-tifel u l-konvenut. Tghid illi l-konvenut qatt ma rrikonoxxa lit-tifel bhala ibnu.

Illi l-attrici ressqet ix-xhieda ta' **Isabelle Attard** permezz ta' affidavit li gie immarkat bhala Dokument "JA 2". Isabelle Attard kienet habiba tal-kontendenti u tghid li ilha

tafhom sa mill-1984, qabel ma huma bdew johorgu flimkien.  Hija kienet midhla tal-Youth Club tas-Salesjani f'tas-Sliema u l-kontendenti kienu jiffrekwentaw dan il-lokal.  Tghid illi dak iz-zmien il-konvenut kellu madwar dsatax-il sena u kemm hi kif ukoll shabha kienu iqiesuh bhala imgerfex, fuq ruhu, mimli bih innifsu, *show-off* u kiesah. Hija kienet tikklassifikah bhala bniedem irresponsabbli w immatur li ma kenitx ghalih problema meta ikisser xi karozza minhabba s-sewqan esagerat tieghu jew inkella jixrob b'mod eccessiv ghaliex kien ihobb jeccedi il-limiti.

Illi tghid izda illi meta huwa zzewweg lill-attrici, il-karattru tieghu mar ghall-ahjar. Kien jidher iktar matur u naqqas il-gennati li kien jaghmel qabel. Tghid illi huwa kkalma. Hi u r-ragel taghha baqghu hbieb mal-kontendenti u kienu anke johrogu flimkien minn zmien ghal zmien.

Illi x-xhud tghid li saret taf illi l-kontendenti ma setax ikollhom tfal madwar sentejn wara iz-zwieg taghhom. Taf illi l-attrici riedet tadotta tarbija u dana ghaliex hija kienet involuta fl-adozzjoni ta' binhom Ryan u dana meta il-*welfare officer* li kienet qieghda tissorvelja l-proceduri ta' l-adozzjoni talbitha l-opinjoni taghha dwar il-koppja biex tirrapporta lill-Qorti. Tghid illi hija kienet kellmitha b'mod favorevoli fuq it-tnejn b'mod partikolari dwar l-attrici. Tghid illi billi kienet rat bidla fil-konvenut hija wkoll kienet ghamlet rakkomandazzjoni fil-konfront tieghu wkoll ghaliex li kieku baqa' kif kien qabel iz-zwieg dana ma kenitx taghmlu.

Illi tkompli tixhed illi wara l-adozzjoni ta' Ryan, hi u zewgha hargu madwar tlett darbiet mal-koppja Agius. Hi ndunat mal-ewwel illi ma kienx hemm rapport tajjeb bejn il-konvenut w ibnu. Huwa kien zorr lejn Ryan u tiftakar okkazzjoni partikolari fejn il-konvenut kien qabad lit-tifel bl-herra minn hwejjgu u ghollieh b'id wahda. Minn hawn ghalhekk hija bdiet terga' tara l-arroganza li kien hemm fl-imghoddi qabel iz-zwieg. Din l-arroganza kienet tohrog l-iktar fil-konfront tat-tifel. Tghid li l-konvenut ma kienx premoruz lejn ibnu u ma ratux juri xi emozzjoni lejh jew illi izomm lit-tifel.

Illi fil-kontro-ezami tghid illi l-konvenut kellu madwar 23 sena meta zzewweg. Tghid illi wara iz-zwieg il-konvenut ingabar mal-familja tieghu fis-sens illi hija kienet rat miljorament fil-karattru tieghu mill-guvni li kien qabel fejn kien johrog u jdum tard barra b'hajja imtajjra. Tghid illi quddiemha qatt ma sar diskors bejn il-kontendenti dwar tfal u lanqas taf li kien hemm problema bejniethom dwar dan. Taf illi mill-inkontri li kien ikollhom wara iz-zwieg indunat illi l-koppja kienu qeghdin jippruvaw ikollhom it-tfal u ndunat illi kellhom problema dwar dan meta ghadda iz-zmien u l-attrici ma hargitx tqila. Tkompli tghid illi quddiemha qatt ma sar diskors fis-sens illi l-konvenut ma kienx favur l-adozzjoni. Terga tghid illi hekk kif dahlet it-tarbija fil-familja il-karattru arroganti tal-konvenut rega' hareg.

Illi l-attrici ressqet ukoll bhala xhud lil **Carmelo Spiteri**, ir-ragel ta' ohtha li xehed ukoll permezz ta' affidavit. Jghid li ilu jaf lill-attrici 'il fuq minn 20 sena u dana minn meta beda johrog ma' ohtha, Marie Therese. Ovvjament sar jaf lill-konvenut minn meta beda johorg ma' l-attrici. F'dan iz-zmien huwa kien diga mizzewweg. Jghid li l-koppja damu hames snin gharajjes, kellu relazzjoni tajba mal-konvenut u fit-tieg huwa kien il-*bestman*. Jghid li z-zwieg tal-kontendenti kien jidher bhala wiehed tajjeb. Jghid illi madwar sentejn wara z-zwieg il-koppja bdew jippruvaw ghat-tfal, izda rrizulta illi kien hemm xi problema min-naha tal-konvenut li kien sterili. Madwar hames snin wara iz-zwieg l-attrici kienet infurmathom illi huma kienu ddecidew jaddottaw tarbija. Jghid illi l-kontendenti irnexxielhom jaddottaw tarbija mir-Rumanija.

Illi x-xhud stqarr li wara l-adozzjoni huwa beda jinnota ndifferenza totali tal-konvenut lejn ibnu. Kien jara illi l-konvenut ma kienx qieghed igib ruhu ta' missier lejn it-tifel u kien hemm manifestament nuqqas ta' responsabbilta' lejn ibnu. Ikompli jghid illi ma' l-adozzjoni u fix-xhur ta' wara il-konvenut tbiddel radikalment u mhux talli ma wriex sensittivita' lejn ibnu, talli deher li beda jibred ukoll fil-konfront ta' martu u taz-zwieg in generali.

Illi huwa jifatakar okkazzjoni partikolari meta l-konvenut kien siefer fuq xoghol u meta gie lura Malta kien stieden lil dawn in-nies involuti f'dan ix-xoghol Malta u qaghad idawwarhom madwar Malta. Dak li laqtu kien illi huwa kien eskluda kompletament lill-familja tieghu minn dan. Lanqas biss kien introducihom lill-kollegi tieghu b'mod partikolari lanqas indenja ruhu juri lil ibnu. Huwa ghalhekk kien ha l-impressjoni li l-konvenut ma riedx jagixxi bhala missier. Din is-sitwazzjoni wasslet biex huwa abbanduna l-obbligazzjonijiet tieghu lejn il-familja u ftit wara l-adozzjoni huwa talab is-separazzjoni. Jghid illi huwa issorprenda ruhu l-iktar bil-kambjament totali tal-konvenut fil-konfront taz-zwieg hekk kif gie rinfaccjat bir-rejalta li ma' l-adozzjoni sar missier. Dan ighidu ghaliex qabel dan il-mument huwa ma kien ra l-ebda difett fil-konvenut. Ghalhekk huwa jghid illi l-konvenut irrealizza illi ma kellux il-kapacita' jerfa d-dmirijiet ta' missier proprju fil-mument li sar missier u li ghalhekk ma kienx psikologikament possibbli ghalih li jagixxi ta' missier u jerfa' r-responsabbiltajiet ta' missier. Illi l-istess xhud zied ighid illi l-konvenut ma riedx jisma' b'ibnu u dana ghaliex lanqas manteniment ma ried jaghtih.

Illi in kontro-ezami huwa jghid illi bejnu u bejn il-konvenut kien hemm differenza ta' l-eta` ta' madwar 10 snin. Quddiemu jghid illi qatt ma sar xi diskors mill-koppja qabel iz-zwieg fis-sens illi xi hadd minnhom ma riedx tfal fiz-zwieg. Lanqas ma kien jaf illi wara iz-zwieg kien hemm il-problemi bejn il-koppja. Jghid illi hu u l-mara kienu jiddiskutu bejniethom rigward meta kien ser ikollhom tfal Jacqueline u Ivan, izda qatt ma kienu jafu li kien hemm xi problema. Illum huwa jaf illi l-konvenut kellu problema biex ikollu it-tfal u qatt ma kien involut fil-proceduri ghall-adozzjoni ta' Ryan.

Illi bhala missier huwa kien innota li l-konvenut kellu relazzjoni bierda ma' ibnu. Jghid illi qatt ma kien hemm xi relazzjoni partikolari bejn l-konvenut u wliedu. Wara l-adozzjoni nibtet certu tensjoni fir-relazzjoni matrimonjali tal-koppja. Dan jafu minn dak li kien jinnota ghaliex huma qatt ma ddiskutew din il-problema mieghu. Jghid illi huma joqghodu fl-istess blokk ta' appartamenti tal-kontendenti.

Jikkonkludi billi ighid illi fil-prezent il-konvenut ma jarax lil ibnu u qatt ma rahom flimkien. Lilu l-konvenut qatt ma qallu xi diskors fis-sens illi ma kienx favur l-adozzjoni. Xehed minn dak li kien ihoss u osserva.

Illi l-attrici ressqet ukoll lil **Carmel Cauchi**, *General Manager* tas-socjeta *Dold Industrial Automation Limited*, fejn l-attrici hija impjegata bhala *Executive Secretary*. Huwa xehed permezz ta' affidavit ukoll. Jghid illi l-attrici ilha tahdem ma' din il-kumpanija ghal fuq minn 10 snin. Jghid li ilu jaf lill-attrici iktar u dana peress illi qabel hija kienet tahdem fl-istess kumpanija fejn kien jahdem bhala *General Manager*. Hu sar jaf lill-konvenut fil-perijodu li l-attrici bdiet tohrog mieghu. Huma kienu johorgu flimkien bhala koppji u anke kienu jiltaqghu f'okkazzjonijiet socjali.

Illi huwa jghid li jaf lill-konvenut bhala gentlom u kellu u ghad ghandu stima kbira lejh. Wara s-separazzjoni tal-kontendenti, izda huwa kien qata' il-kuntatt mieghu. Jghid madanakollu illi huwa jaf lill-konvenut bhala bniedem immatur u f'certi cirkostanzi ma juriex il-kwalita' ta' responsabbilta' li wiehed jistenna minn wiehed ta' l-eta` tieghu u f'kuntest ta' hajja matrimonjali. Jiftakar li meta kienu johorgu flimkien huwa kien jitkellem dwar affarijiet serji u resonsabbli b'certu leggerezza. Jghid li ma jistax jiftakar okkazzjoni specifika billi ghadda hafna zmien pero' qal li huwa ghandu impressjoni tal-konvenut bhala persuna minghajr maturita' u responsabbilta necessarja biex jaffronta sitwazzjonijiet li jirrikjedu impenn, dedikazzjoni u attenzjoni. Jaghti bhala ezempju l-leggerezza ta' kif huwa ihares lejn l-impieg tieghu, u li ma kienx jirnexxielu izomm impieg fit-tul. Kien kontinwament ibiddel l-impieg ghaliex qatt ma kien ikun sodisfatt u ma kienx jimpenja ruhu bis-shih biex jikkoltiva x-xoghol li ikollu. Jghid li kemm ilu jaf lill-konvenut, huwa biddel l-impieg xi erba (4) darbiet mill-inqas.

Illi dwar ir-relazzjonijiet li huwa kellu mal-familja tieghu kien jghidlu li ihossu bhala *second best* f'ghajnejn il-genituri tieghu. Dan id-diskors kien ighidulu ripetutament. Minhabba f'dan huwa kien il-hin kollu in kompetizzjoni ma' huh Mark biex juri lill-genituri tieghu li kien ahjar minn huh.

Illi dan ix-xhud kompla jixhed li wara l-adozzjoni ta' Ryan huwa beda jinduna li kien hemm xi tensjoni bejn il-koppja u dan peress illi apparti li kien jiltaqa' ma' l-attrici kuljum ghax-xoghol huwa kien jafhom bhala hbieb. Ghalhekk f'okkazzjoni partikolari x-xhud kien irrimarka lill-konvenut li issa kellu jkun kuntent galadarba sar missier. Il-konvenut kien wiegbu illi huwa accetta l-adozzjoni mhux ghalih ghaliex ghalih kienet tkun xorta kieku baqghu minghajr tfal. Dan id-diskors kien qalulu fl-uniku okkazzjoni illi hu u l-mara kienu hargu mal-koppja Agius flimkien ma' binhom Ryan. Jghid illi f'din l-okkazzjoni huwa ma ra l-ebda kuntatt bejn il-konvenut u it-tarbija. Jghid li kien ra distakkament bejn il-konvenut w ibnu. Ikompli jghid li huwa jaf li ftit wara l-adozzjoni l-koppja Agius kienu isseparaw. Qabel dan huwa qatt ma nduna li kien hemm xi haga hazina bejniethom li setghet twassal ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Huwa fil-fatt ighid illi meta sema' li l-konvenut ried jissepara baqa' sorpriz hafna.

Illi in kontro-ezami x-xhud jghid li qabel iz-zwieg ma dehrlux li kien hemm xi problemi bejn il-koppja dwar jekk riedux jizzewwgu jew jekk riedux ikollhom tfal fiz-zwieg. Jghid biss illi l-konvenut kien bniedem immatur u mhux stabbli f'hajjtu kif kien jidher mill-mod kif kien ibiddel l-impieg. Huwa kien haseb illi l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti kienet wahda normali u nduna illi l-koppja ma setax ikollhom tfal billi rrikorrew ghall-adozzjoni. Huwa jghid illi l-attrici kienet favur l-adozzjoni u mill-konversazzjonijiet li kellu ma' Ivan kien dehrlu li hu ried jaghmel dan il-pass ukoll.

Illi fis-seduta ta'l-1 ta' Dicembru 2000, l-attrici ressqet bhala xhud lil **Joseph Caruana** li xehed *viva voce*. Huwa jghid li l-kontendenti kienu hbieb tieghu. Jaf li llum huma separati ghaliex kienet qaltlu l-attrici stess meta madwar sentejn ilu huwa kien iltaqa' maghha is-suq ta' Marsaxlokk. Kienu marru jiehdu kafe' flimkien u d-diskors waqa' fuq is-separazzjoni taghha u ta' Ivan. F'din l-okkazzjoni huwa hass li kellu jghid lill-attrici dak li dejjem kien jghidlu l-konvenut u cioe' illi huwa qatt ma ried ikollu tfal u li t-tfal idejquh. Jghid li huwa u l-konvenut kienu

ghamlu zmien jahdmu flimkien it-*Technoline* u dana ghal madwar erba' snin. F'dan il-perijodu l-konvenut kien diga mizzewweg. Kien jghidlu illi martu kienet qed tinsisti mieghu li riedet it-tfal. Dan huwa ma riedux u qallu li din l-insistenza taghha kienet qed idejjqu. Jghid illi sar jaf li f'dan il-perijodu li dam jahdem mal-konvenut kienu bdew xi proceduri ghal adozzjoni. Ivan kien qallu illi accetta jaghmel dan biex jaghlaq halq martu. Ghalkemm il-konvenut qatt ma qallu direttament illi huwa u l-attrici ma setax ikollhom tfal, izda indirettament huwa tah x'jifhem illi dan kien il-kaz. Ghalkemm it-tarbija huwa qatt ma raha, pero' jghid illi qabel ma l-konvenut telaq minn fuq il-post tax-xoghol, huwa kien jaf illi din it-tarbija kienet waslet Malta. Jista' jghid pero' li l-konvenut ma kienx kuntent bl-adozzjoni u li kien ghamilha ta' bil-fors. Jghid illi l-konvenut kien idum tard ix-xoghol ghaliex kien ighidlu li ma kienx ikun irid imur lura id-dar minhabba li kien ikun hemm l-istorbju tat-tarbija. Hu kien itawwal il-hinijiet tax-xoghol u jivvinta x'ser jaghmel biex ma jmurx id-dar. Kien jidhol ghax-xoghol anke nhar ta' Sibt u dana jafu ghaliex kien jara l-karozza tieghu pparkeggjata barra l-post tax-xoghol.

Illi l-**konvenut** xehed ukoll permezz tal-procedura ta' l-affidavit li gie esebiet u immarkat bhala Dokument "IA 1" u esebixxa wkoll kopja tar-rapporti medici rigward l-isterilita' tieghu li gew immarkati bhala Dokument "IA". Huwa jibda x-xhieda tieghu u jghid illi zzewweg lill-attrici fis-16 ta' Dicembru 1989 u dana wara hames (5) snin ta' eghrusija. Jghid illi kien iltaqa maghha gewwa il-*Youth Centre* tas-Salesjani. Huma kienu jiffrekwentaw l-istess klikka ta' hbieb u wara li saru jafu lil xulxin huma dahlu f'relazzjoni sentimentali. Jiddeskrivi lill-attrici bhala mara sensibbli, serja u ta' l-affari taghha. Jghid illi huwa ngibed lejha kemm fizikament, kif ukoll minhabba l-karattru ferriehi taghha. Jghid madankollu li huwa ma kienx ihobbha mill-bidunett, izda beda ihobbha gradwalment. Jghid illi kien iktar il-kaz li "*I grew fond of her*". Jghid li maz-zmien il-hbieb fil-klikka tieghu bdew jizzewwgu u ghalhekk iddecieda li kien imiss lilhom li jaghmlu dan il-pass. Ghalhekk huwa jghid illi ma kienx hemm xi emozzjoni partikolari li kien ihoss fil-konfront ta' l-attrici. Fil-fatt huwa

kien evita li jaghmel eghrusija ufficjali, izda stenna il-*birthday* taghha u taha curkett f’dik l-okkazzjoni. Jghid illi huwa ma riedx qassisin, izda fuq insistenza tal-genituri taghha kien issejjah il-Kappillan tal-parocca tas-Sacro Cuor f’tas-Sliema biex ibierek ic-curkett. Jghid illi ma kienx involva ruhu fit-thejjiet ghat-tieg u ghal kors ta’ Kana mar darba wahda biss filwaqt illi l-attrici attendiet ghal kors kollu.

Illi l-konvenut ighid illi mill-bidu nett, mill-perspettiva tieghu, zwieg bit-tfal ma kienx jaqbel mieghu. Jghid illi ghalkemm kien lest biex jizzewweg lill-attrici, izda kien jaf illi ma kellux intenzjonijiet serji biex itella’ familja. Izid ighid li ghalih ix-xoghol huwa hajtu w izzewweg bl-intenzjoni illi ix-xoghol jigi qabel kwalsiasi haga ohra inkluz iz-zwieg. Jghid illi kien jaf illi Jacqueline riedet it-tfal, u hu qatt ma kellu il-kuragg ighidilha li ma riedx tfal la minn ghandha u lanqas minn ghand haddiehor. Kien izzewweg ghaliex kif kien qieghed jara l-affarijiet kien ikun konvenjenti ghalih li jiehu dan il-pass. F’dak iz-zmien huwa kien qieghed johrog ma’ l-attrici allura kellu f’mohhu li jizzewweg lilha. Jghid illi qabel ma’ iltaqa ma’ l-attrici huwa kellu diversi relazzjonijiet sentimentali u jghid illi probabbilment li kieku f’dak iz-zmien kien qieghed johrog ma’ haddiehor, kien jizzewweg lil dik il-persuna. Isostni madanakollu li huwa kien kuntent u komdu li jizzewweg lill-attrici u dana peress illi l-attrici ghamlitha facli ghalih li jibqa’ jghix l-istess hajja li kien qieghed ighix qabel iz-zwieg u cioe’ li jahdem u jibqa’ ikun fil-kumpanija taghha u  ta’ shabu tal-klikka. Ghalhekk huwa ma kellu xejn kontra il-fatt illi huwa jizzewweg. L-attrici ghamlitha facli ghalih billi jghid ghandha karattru fragli u ma tafx tghid le.

Illi kompla jixhed u jghid illi wara sentejn jew tlieta wara z-zwieg, l-attrici bdiet tissikkah biex ikollhom it-tfal. Minn hawn huwa beda ihoss li kienu ser jinbtu il-problemi bejniethom u dana ghaliex f’dak iz-zmien huma kienu juzaw il-protezzjoni fir-relazzjonijiet sesswali ta’ bejniethom. Ghalhekk huwa kellu mohhu mistrieh li l-attrici ma setghetx tinqabad tqila. Il-fatt li ma kienx ser jibqa’ juza’ din il-protezzjoni nissel biza kbira fih u dana ghaliex kien ser jispicca daru mal-hajt. Madankollu huwa ma

setax jammetti li ma riedx tfal u ghalhekk kellu jcedi. Beda idahhal f'mohhu illi huwa seta' jidra jghix bit-tfal wara li jigu.

Illi wara xi xhur jippruvaw ghat-tfal, ighid li l-attrici bdiet tinkwieta li xi hadd minnhom kellu problema billi ma setghetx tinqabad tqila. Ghalhekk kienu marru ghand Dr. Josie Muscat li kkonferma illi huwa kien sterili. Jghid illi fil-mument li sar jaf huwa ma hass l-ebda dispjacir u hass serhan tal-mohh. Naturalment huwa ma riedx juri lil martu dak li kien qieghed ihoss. Jghid illi l-attrici kienet vizibilment u emottivament distrutta u ghalhekk ma setax ighidilha illi huwa kellu fehma differenti. It-tabib Muscat kien issuggerielu jiehu xi pilloli biex forsi isahhah il-potenzjali generattiva tieghu. Jghid illi ghamel gimgha jehodhom, izda imbaghad waqaf minghajr ma kien qal xejn lil hadd. Wara xi xhur, jghid illi martu kienet qatghet qalbha ukoll u ghalhekk ma kellux ghalfejn ikompli jixtri il-pilloli fil-vojt. Jghid illi madankollu martu ma qatghetx qalbha illi ikollha it-tfal u wara ftit zmien bdiet issemmi il-possibilita li jaddottaw tarbija. Il-konvenut ighid illi huwa ha qatgha b'dan is-suggeriment u ghalkemm ma riedx, kien accetta minhabba f'martu. Ghalkemm ipprova jaqtalgha qalbha billi juriha li ma tantx kien interessat, izda l-attrici baqghet tippersisti u peress illi ddejjqu il-fittagni, kien accetta. Beda jivvinta ix-xoghol biex ikun minn ta' l-inqas id-dar u jevita s-suggett. Izda wara nsistenza kbira da parti taghha, l-konvenut ighid li spicca biex ceda. Huwa beda jitratta il-proposta ta' l-adozzjoni bhala xi avventura ghal beneficcju tal-mara. Jghid illi huwa kien determinat illi jibqa' ghaddej bil-hajja normali tieghu. Il-proceduri ghall-adozzjoni saru kwazi kompletament mill-attrici u jghid illi huwa ippartecipa fejn bil-fors kellu jiehu sehem u fejn kellu ihallas il-flus. Wara diversi tentattivi min-naha ta' l-attrici, l-konvenut ighid illi huma addottaw tifel Rumen li l-mara semmietu Ryan. Lanqas fid-decizjoni ta' l-isem tat-tifel, ma kien ha sehem.

Illi l-konvenut ikompli jixhed u jghid illi ma' Ryan huwa kellu relazzjoni difficli ferm. Kien baqa' distakkat minnu ghaliex beda jibza' li ser jikkomprometti il-*lifestyle* li kellu. Jghid madankollu illi huwa ghamel hiltu biex jipprova

iqatta’ hin mat-tifel, pero’ induna illi qatt ma seta’ jasal biex jibni relazzjoni ta’ missier mieghu. Kien jiddispjacih ghal Ryan ghaliex kien ihoss illi qatt ma seta’ jagixxi ta’ missier lejh. Ta’ dan kien iddispjacih profondament. Kien jaf illi huwa qatt ma seta’ ibiddel l-emozzjonijiet tieghu lejn ibnu. Ryan ikkonferma illi l-konvenut qatt ma seta’ ikun missier ta’ familja. Ikkonferma ghalhekk dak li kien jahseb f’mohhu u cioe’ illi ma kienx sincier ma’ martu kemm suppost kellu ikun. Jghid illi ghalhekk l-attrici bdiet tinduna illi huwa ma kienx qieghed jiddedika ruhu kemm mistenni ghat-trobbija ta’ Ryan. Kienet teqirdu dejjem isemmilu l-istess haga u ghalhekk beda isib rifugju fix-xoghol. Hawnhekk huwa beda ihoss illi anke ir-relazzjoni matrimonjali ta’ bejniethom kienet ser tghaddi minn fazi perikoluza minhabba Ryan. Maz-zmien huwa kompla jiddistakka ruhu minn ma’ Ryan u konsegwentement minn ma’ martu ukoll. Jghid illi huwa ma setax jibqa’ jghix fid-dar ma’ martu u terza persuna. L-ghan li huwa kellu meta izzewweg li jibqa’ jghix ma’ Jacqueline bl-istess mod li kien ikun maghha meta kien guvni, spicca ghal kollox. Intebah illi ghalih ma setax ikun hemm hajja matrimonjali differenti minn dik li kellu qabel ma addotta u cioe’ hu u martu biss. Ryan ighid tah l-opportunita biex jifhem dan kollu bil-fatti u mhux biss ghaliex huwa kellu l-impressjoni meta kien ghadu guvni li hu hekk maghmul.

Illi l-konvenut ighid illi huwa w il-mara sseparaw ghaliex ma setghux jibqghu ighixu flimkien. Jghid illi ghalkemm huwa ghamel b’kollox hmistax-il sena ma’ l-attrici, bdew ighixu separati ftit xhur wara li addottaw lil Ryan. Jghid illi problemi bejniethom fiz-zwieg qatt ma kien hemm sakemm dahal Ryan f’hajjithom.

Illi in kontro-ezami, l-konvenut ighid illi huwa bhal issa ghandu il-kariga ta’ *General Manager* tas-socjeta Alpha-Med Limited u ilu f’din il-kariga mill-bidunett ta’ l-impieg tieghu ma’ din is-socjeta. Il-hinijiet tax-xoghol tieghu huma bejn it-8:00a.m. u l-4:30p.m. meta ikun Malta, izda jahdem hafna gewwa il-Libya u hemmhekk ix-xoghol ikun bla hinijiet. Anke meta ikun xoghol Malta gieli dam sad-9:00 u l-10:00 ta’ bil-lejl u meta x-xoghol jirrikjedi huwa jahdem

anke fil-*week-ends*. Dawn il-hinijiet ta' xoghol huma minhabba li x-xoghol hekk jirrikjedi.

Illi l-konvenut ighid illi x-xoghol ghalih kien dejjem fattur importanti f'hajjtu u dejjem tah priorita'. Jghid illi meta ikun hemm bicca xoghol huwa ikun irid jehlisha u ma ihallihiex tistenna u fejn ix-xoghol hekk jirrikjedi, l-familja ikollha tistenna. Il-konvenut ighid illi huwa iqies ix-xoghol bhala karriera u ghalhekk dejjem tah hafna importanza. Il-konvenut jerga' jishaq in kontro-ezami illi meta hu u l-attrici hadu decizjoni biex jaddottaw, din id-decizjoni huwa hadha bi pressjoni psikologika fuqu da parti ta' l-attrici. Huwa kien jaf li ma setax ikollu tfal u ghalhekk finalment biex izomm lill-mara kuntenta u biex jaghlaq l-argument ta' bejniethom rigward it-tfal, accetta. Jghid illi diga kien ghadda minn hafna problemi biex jiehu it-testijiet li kien jikkonsidra inutli sabiex jippruvaw ikollhom it-tfal.

Illi qal wkoll illi meta imbaghad addottaw it-tifel Rumen wara li ghamel tlett xhur ighix maghhom huwa telaq mid-dar u dana ghaliex huwa qatt ma kellu interess jibni relazzjoni ma' dan it-tifel ghaliex huwa qatt ma ried tfal u dana anke kieku fizikament huwa seta' ikollu. Jerga' jghid illi huwa qatt ma kellu interess jizzewweg biex jibni familja. Illi jghid illi zzewweg ta' 23 sena u dak iz-zmien ma kellux hsieb ta' tfal assolutament. Dak iz-zmien, ighid li kienu qed jizzewwgu shabu u ghalhekk huwa mexa mal-kurrent. Ighid illi qabel iz-zwieg qatt ma kien sar diskors bejniethom rigward tfal u wara iz-zwieg qatt ma qal dan direttament lill-attrici ghaliex baqa' jirrimanda l-kwistjoni. Ikompli jzid illi bhala koppja mizzewwga qatt ma kien hemm relazzjoni peress illi huwa kien iqatta hafna hin ix-xoghol. Jammetti illi l-adozzjoni tat-tifel ipprecipitat is-separazzjoni ta' bejniethom u dana peress illi min-naha tieghu wara li gie addottat it-tifel huwa ried jitlaq. Jghid illi lit-tifel ilu ma jarah madwar erba' snin u dana minn wara is-separazzjoni. Jaf pero' illi it-tifel huwa kuntent u qed jiehdu hsiebu u ma huwiex imgennen biex jarah.

Illi l-istess konvenut ikkonferma dak illi xehed Joe Caruana fix-xhieda tieghu. Jghid illi dan Caruana kien habib tieghu u hu kien jikkonfida l-problemi tieghu

mieghu. Jghid illi anke it-testijiet tal-fertilita kien ghamilhom fuq pressjoni psikologika li kienet taghmel fuqu il-mara. Jghid illi huwa rari li jiehu gurnata *leave* mix-xoghol u jghid illi fl-ahhar tlett snin ha b'kollox madwar gimgha leave.

Illi dan l-interess kbir fix-xoghol, ighid il-konvenut, beda meta huwa beda jimxi 'il quddiem fil-karriera tieghu. Ix-xoghol ghalih sar karriera w assuma importanza kbira ghalih. Jghid illi l-attrici sikwiet kienet tilmenta mieghu rigward din l-importanza estrema li kien jaghti lix-xoghol.

Illi l-konvenut ikompli jixhed u ighid illi qabel ma sarulu it-testijiet huwa qatt ma kellu provi medici rigward l-infertilita' tieghu izda huwa dejjem kellu *gut feeling* illi dan kien il-kaz. Jghid illi fi kwalunkwe kaz din il-haga ma ghamlet l-ebda differenza ghalih ghaliex huwa ma riedx ikollu tfal. Jghid illi kieku l-attrici talbitu jaghmel it-testijiet qabel iz-zwieg, huwa kien jirrifjuta. Jghid illi huwa kien jaf qabel iz-zwieg illi Jacqueline riedet it-tfal, izda huma qatt ma tkellmu dwar is-suggett u huwa kien jevita li jaghmel dan.

**(B) KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi fir-rapport taghha peritali Dr. Edwina Grima fl-ewwel lok ezaminat in-nullita' *o meno* taz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Dicembru 1989 taht dak dispost fl-**artikolu 19(1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jiddisponi li z-zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiett ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga."*

Illi l-istess perit legali qalet li l-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt, specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu **"El Nuevo Derecho**

**Matrimonial Canonico”** jaghti definizzjoni l-aktar approprijata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali:-

*“Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l’incontro di diverse volonta in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo’ essere descritto come l’incontro della volonta’ di un uomo e di una donna in ordine alla cotituzione dello stato coniugale.”*

Illi l-istess perit legali argumentat hekk:-

*“Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b’xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta’ persuna ma ikunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta’ l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma ikunx jaqbel ma’ dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata”.*

*“Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta’ di celebrarlo, mentre in realta’ nell’interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e’ necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell’interno della volonta.”* (***J.F.Castano*** **– “Il Sacramento del Matrimonio”).**

Illi fil-fatt l-ligi fl-**artikolu 19(1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi iz-zwieg fit-totalita’ tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju l-

eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju li l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi li biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni posittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha il-volonta' w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali ikun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire <u>mediante il modo di comportarsi</u> del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* (***O. Giacchi*** – **Il Consenso Matrimoniale Canonico).**

Illi l-ligi mkien ma tindika x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga. Illi kemm mill-gurisprudenza tal-qrati taghna, kif ukoll minn dik *rotali* dawn huma dawk l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewwga u cioe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghal komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Illi hawn qed issir referenza ghal sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Settembru 1996 fl-ismijiet **"Bernardette Debono vs Mario Debono"** fejn il-Qorti ghamlet elenku ta' dawk li huma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga u saret referenza ghal gurisprudenza f'dan ir-rigward.

Illi kif sostniet l-istess perit legali din is-sentenza ghamlet referenza partikolari ghall-eskluzjoni ghad-dritt tal-

prokreazzjoni, liema eskluzjoni tohrog mix-xhieda imressqa fil-kaz in dizamina u ghalhekk hija applikabbli ghall kaz *de quo* w ghalhekk qed tigi kkwotata *verbatim* minn kif inghad fl-istess decizjoni mill-Qorti:-

*"Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, ghalhekk tikkonkludi li fost l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga kif imfissra mill-legislatur fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kap 255 hemm id-dritt ghall-att konjugali intiz mhux fis-sens ta' semplici att taz-zwieg ossia kongungiment karnali normali – dan hu previst fl-imsemmi paragrafu bhala 'id-dritt ghall-att taz-zwieg' – izda fis-sens tal-koncessjoni reciproka da parti tal-partijiet tad-dritt perpetwu w esklussiv "sul proprio corpo in ordine ai rapporti matrimoniali condotti in modo naturale, idonei cioe' alla procreazione. A tale diritto corrisponde la reciproca concessione del relativo dovere.' (**Bersini F., Il Diritto Canonico Matrimoniale**). Ghalhekk min jidhol fiz-zwieg bil-hsieb maghmul (l-eskluzjoni posittiva), fil-mument li jinghata l-kunsens li jcahhad lill-parti l-ohra minn dan id-dritt ossia li jonqos minn dan id-dover, ikun qieghed jinkorri fin-nullita ravvizata fl-**artikolu 19(1)(f) tal-Kap.255**."*

Illi l-istess Qorti fis-sentenza taghha taghmel referenza ghal dak li inghad f'sentenza riportata ***f'Matrimonial Jurisprudence of the United States 1975-76***:-

*" … If, on the other hand, one party plans on excluding children and at the same time pretends to his proposed partner that he is willing to have children, then such a deception already belies the other party's right to a child."*

Illi l-Qorti tikkonkludi:-

*"Biex tikkonkludi, ghalhekk, din il-Qorti tosserva li ghall-fini ta' dana il-kap ta' nullita … dak li jrid jigi ippruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif iktar 'l fuq imfisser ossia li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' issir permez ta'*

*dikjarazzjonijiet f'dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cioe' ghaz-zwieg."*

Illi stabbilti dawn il-principji legali, l-brava perit legali Dr. Edwina Grima ghaddiet sabiex tapplika l-istess principji fuq stabbiliti ghall-kaz in ezami u dan fid-dawl tal-provi prodotti. Illi l-istess perit legali qalet li:

*"Fl-ewwel u qabel kollox l-esponenti hija rinfaccjata b'dikjarazzjoni cara u nkonfutabbli tal-konvenut illi huwa stqarr li ma riedx ikollu tfal miz-zwieg tieghu ma' l-attrici u li t-tfal idejjquh. Iz-zwieg ghalih kien ifisser hajja fejn ix-xoghol kien il-punt fokali u hajja mal-attrici biss minghajr kif isejjhilha "terza persuna" bejniethom. Ighid fil-fatt illi meta izzewweg l-intenzjoni tieghu kienet li jibqa' jghix il-hajja li kellu qabel ta' guvni flimkien ma' l-attrici. Kien ghalhekk illi huwa ddecieda li jizzewweg lill-attrici, mhux ghaliex kellu xi imhabba partikolari lejha izda peress illi ghalih hija kienet toffrilu dik l-istabbilita` li xtaq u cioe' stabbilita` fis-sens illi l-hajja tieghu wara iz-zwieg ma kenitx ser tinbidel. Huwa kien ikun jista' izomm l-istess klikka ta' hbieb, johrog ma' hbiebu u jiddedika hajjtu ghax-xoghol".*

Illi mill-provi prodotti fil-fatt jirrizulta, u dan anke minn ezami tax-xhieda minnu stess moghtija u fuq riportata li l-konvenut zamm din ix-xewqa tieghu li ma jkollux tfal, madankollu, mistura, u qatt ma esprima dawn is-sentimenti ma' l-attrici. L-uniku xhud li deher li kien jaf b'dawn is-sentimenti tal-konvenut kien Joseph Caruana, kollega u habib tieghu, li stqarr illi mhux l-ewwel darba li l-konvenut kien stqarr mieghu li it-tfal kienu jdejquh u li huwa kien qieghed jaghmel l-att konjugali dirett lejn il-prokreazzjoni ta' l-ulied mhux ghaliex internament verament xtaq ikollu t-tfal izda ghaliex kif ighid huwa stess kellu pressjoni psikologika fuqu min-naha ta' l-attrici li wara li ghaddew ftit snin miz-zwieg taghhom, bdiet taghmel certu pressjoni w insistenza fuq il-konvenut biex jibdew jibnu familja.

Illi ghalhekk in vista tal-premess, l-istess perit legali kkonkludiet li:-

*"Mill-assjem tal-provi jirrizulta minghajr l-icken dubbju (stante illi dan huwa kkonfermat mix-xhieda kollha prodotti), illi iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser ftit xhur biss wara li l-koppja kienu addottaw tarbija Rumena. Hekk kif din it-tarbija waslet fil-hajja ta' din il-koppja, z-zwieg taghhom tkisser u dana peress illi l-konvenut ma setax jaccetta lil din it-tarbija fil-familja tieghu. Kif ighid ix-xhud Caruana, l-konvenut kien ighidlu li l-istorbju tieghu jdejjqu u kien jippreferi jibqa' tard ix-xoghol biex ma jmurx lura id-dar mal-familja. Jirrizulta ghalhekk illi ghalkemm il-koppja kienu ilhom 'il fuq minn hmistax-il sena flimkien relattivament minghajr problemi, hekk kif tfaccat din it-tarbija, z-zwieg taghhom tkisser ghaliex mhux biss il-konvenut qatt ma ried jibni relazzjoni ta' missier ma' dan it-tifel, izda sahansitra dan wasslu biex tbieghed kompletament anke minn martu. Ghalih donnu qiesu iz-zwieg tieghu kien spicca u ma baqa' jfisser xejn hekk kif gew it-tfal fil-hajja matrimonjali tieghu".*

Illi ghalkemm ma jidhirx illi l-konvenut fizikament kien qieghed jeskludi att konjugali dirett ghall-rokreazzjoni ta' l-ulied, izda mill-assjem tal-provi u anke mic-cirkostanzi ta' kif graw il-fatti f'dan il-kaz jidher illi internament huwa ma xtaqx illi dan l-att iwassal ghal l-ghan li kien qieghed intenzjonat illi jsir u cioe' ghall-prokreazzjoni, tant illi meta huwa rrealizza li kien sterili, minflok hadha bi kbira bhal kif ghamlet l-attrici, hass certu serhan tal-mohh ghaliex b'hekk ma kellux inkwiet illi minhabba l-pressjoni li kienet qed tezercita fuqu l-attrici huwa seta' jsir missier. Anke il-kura jew terapija li kienet giet ordnata lilu mit-tabib, huwa, minghajr ma qal lil martu, waqaf jehodha ghaliex ma riedx jidhol f'riskju li seta' b'hekk isolvi il-problema tieghu ta' l-infertilita'.

Illi huwa veru li ma jidhirx illi qabel iz-zwieg il-koppja kienu ddiskutew il-kwistjoni tat-tfal u jidher illi l-konvenut kien jevita is-suggett biex b'hekk ma kienx ikollu jammetti mas-siehba tieghu li hu ma kienx ihobb it-tfal. Illi pero' dan ma jbiddel xejn mill-fatt li jidher u jirrizulta mill-provi kollha

prodotti li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, l-konvenut kien qieghed jeskludi posittivament u definittivament id-dritt tal-parti l-ohra u kien qieghed jonqos mid-dover *da parti* tieghu illi jibni familja ma' l-attrici, b'mod li huwa kellu l-kunsens tieghu vizzjat ghaliex eskluda posittivament u internament wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg, b'hekk li dak li apparentament kien il-kunsens tieghu moghti fiz-zwieg in rejalta' ma kienx minnu ghaliex huwa posittivament ma kienx lest li jirrispetta l-elementi kollha essenzjali taz-zwieg, inkluz il-pro-kreazzjoni u trobbija tal-ulied.

Illi kif qalet sewwa l-istess perit legali dan jirrizulta bl-iktar mod car minn dak li sehh wara z-zwieg. Dwar dan sewwa kkumentat l-istess abli Perit Legali meta qalet:-

*"Jidher illi fl-ewwel snin taz-zwieg il-koppja kienu juzaw il-kontracettivi biex b'hekk huma ma jkollhomx tfal. Meta fuq insistenza ta' l-attrici, l-konvenut spicca biex ceda, hass biza kbira fih ghaliex seta' jobsor illi jekk kienu ser jigu it-tfal fid-dinja iz-zwieg tieghu ma' l-attrici kien ser jikkrolla. Izda huwa serrah mohhu hekk kif induna illi kien sterili. L-insistenza ta' martu biex huma jaddottaw tarbija regghet wasslitu biex ceda ghal din id-decizjoni, izda ma wera l-ebda entuzjazmu u ma ppartecipax fil-proceduri ghall-adozzjoni, hlief fejn kellu bil-fors jaghmel dan. Meta finalment huwa sar missier, huwa harab mill-hajja mizzewwga, ghaliex ma setax jibni relazzjoni ma' ibnu u dana wassal biex kisser ir-relazzjoni li kellu ma' martu ukoll. Wiehed jista' ighid illi l-qawl ingliz "you can lead a horse to water but you cannot make it drink," japplika perfettament ghal dan il-kaz, ghaliex ghalkemm l-attrici kemm-il darba ppruvat iggieghel lill-konvenut jaccetta l-idea biex jibnu familja flimkien, izda meta sar dak li xtaqet, il-konvenut abbanduna kemm lilha kif ukoll lil binhom, tant illi llum huwa la juri x-xewqa li jarah u lanqas biss jipprovdi ghall-manteniment tieghu kif inhu d-dover tieghu li jaghmel bhal kull missier iehor".*

Illi ghalhekk l-istess Perit Legali kkonkludiet r-relazjoni taghha b'dan il-mod, u din il-Qorti taddotta l-istess

konkluzzjoni u taghmilha taghha u parti integrali minn din id-decizjoni u cioe`:-

*"In konkluzjoni ghalhekk, l-esponenti thoss illi d-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut li huwa kien qieghed jeskludi il-prokreazzjoni u l-ulied fiz-zwieg, hija wahda attendibbli. Hija tinsab komfortata mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-aktar dawk sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali fejn gie ippruvat ampjament illi l-konvenut ma kellu l-ebda ntenzjoni li jassumi r-responsabbilta` ta' missier u ghadu bl-istess intenzjoni sal-prezent. Ghalih ir-relazzjoni matrimonjali tfisser biss relazzjoni bejn il-koppja ad eskluzjoni ta' l-ulied. Definizzjoni ohra ghall-hajja mizzewwga ghalih ma tezistiex, kif hareg ampjament mill-provi kollha prodotti".*

*"Kwindi l-esponenti hija tal-fehma illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Dicembru 1989 huwa null u bla effett skond il-ligi u dana stante illi l-kunsens tal-konvenut kien simulat billi huwa eskluda posittivament wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga u dana kif previst **fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta".***

Illi din il-Qorti taqbel ma dan it-trattament ezawrjenti tal-kaz mill-istess Perit Legali u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255, u** fic-cirkostanzi, l-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tidhol biex tinvestiga il-*caput nullitatis* l-ohra ccitata mill-attrici fit-talba taghha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu l-istess huma inkompatibbli ma dak fuq premess, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Dicembru, 1989 u dan *ai*

*termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**11 ta' Dicembru, 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**11 ta' Dicembru, 2002**